*- ACTIO CAMBIARIA - ART. 197 TAL-KAP 13 -*

*- KONTRO-TALBA-*

*- TPACIJA - ART. 1197 TAL-KAP 16 -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tlieta 24 t'April 2001

**Kawza Numru: 26**
**Citazzjoni Numru: 2846/97/RCP**

**Mario Agius u martu Maria Agius ghal kull interess li jista' jkollha.**

**vs**

**Doris Pulo**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi Mario Agius igestixxi n-negozju bl-isem M. A. Cycle Centre; u il-konvenuta dahlet f'relazzjoni guridika mal-attur, abbazi ta' liema hija ffirmat numru ta' kambjali ta' hamsin lira (Lm50) il-wahda (kopji taghhom annessi bhala Dokumenti MA-1 sa MA-14; u peress li minn dakinhar hamsa u ghoxrin kambjala minnhom saru dovuti u baqghu mhux imhallsa; u li b'dan is-somma dovuta mill-konvenuta hija ta' elf, mitejn u hamsin lira Maltija (Lm1,250); u peress li tali debitu huwa cert, likwidu u dovut, u l-konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti ghat-talba attrici.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu li din il-Qorti:-

(1) Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-atturi bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza *ai termini* ta' Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Procedura Civili;

(2) Tiddikjara li l-kambjali li skadew huma dovuti.

(3) Tiddikjara lill-konvenuta bhala debitrici verso l-atturi fl-ammont ta' elf, mitejn u hamsin Lira Maltija (Lm1,250).

(4) Tordna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma hekk dovuta.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-iskadenza taghhom kontra l-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 4 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda, l-affidavit u d-dokumenti esebiti a fol 5 sa 20 tal-process;

Rat il-verbal tat-12 ta’ Jannar 1998 fejn Dr Raphael Fenech Adami ghall-konvenuta ddikjara li l-konvenuta ghandha eccezzjonijiet validi x’taghti, u ddikjara li l-citazzjoni hija nulla u talab li jipprezenta nota tal-eccezzjonijiet taghha. Dr Leslie Cuschieri talab li jirregola ruhu. Il-kawza giet differita ghall-21 ta’ Jannar 1998.

Rat ir-rikors ta’ l-atturi tas-16 ta’ Jannar 1998.

Rat il-verbal tal-21 ta’ Jannar 1998 fejn il-Qorti provdiet fuq ir-rikors tal-atturi prezentat fis-16 ta’ Jannar 1998 billi wara li kkunsidrat li dan huwa irritwali ghaliex il-kawza s’issa ghadha wahda sommarja u kienet diga differita biex id-difensur ta’ l-atturi jirregola ruhu, cahdet it-talbiet. Iddegretat ukoll illi l-affidavit anness mac-citazzjoni ma jikkonformax ruhu mad-dettam tal-artikolu 167 *et sequitur*, u cahdet it-talba li l-kawza tinstema’ bid-dispensa tas-smiegh u ordnat li l-istess kawza tinstema’ fil-kors normali taghha, u pprefeggiet terminu ta’ 20 jum lill-konvenuta biex tipprezenta n-nota ta’ l-eccezzjonijiet taghha. Il-kawza giet differita ghall-4 ta’ Marzu 1998.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a a fol 30 tal-process fejn gie ecceppit:

(1) Preliminarjament in-nullita' tac-citazzjoni peress li wahda mill-partijiet u cioe' l-attrici Maria Agius ma hiex indikata fl-okkju tad-dikjarazzjoni tal-fatti.

(2) Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal premess, l-azzjoni kambjarja kif imposta ma hiex sostenibbli stante li ma ngabietx l-aqwa prova u d-dokumenti esebiti ghandhom jigu sfilzati.

(3) Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti peress illi l-eccipjenti hija intitolata bil-ligi li tinhall minn negozju li ta lok ghal hrug tal-kambjali in kwistjoni in vista tal-fatt li l-atturi kissru l-obbligazzjoni bhala vendituri li jiggarantixxu l-pacifiku pussess ta' l-oggett mibjugh minnhom.

(4) Fir-raba' lok u minghajr pregudizzju ghal premess, l-esponenti qed tecceppixxi wkoll it-tpacija stante li l-atturi rrendew ruhhom responsabbli ghal hlas ta' danni fil-konfront tal-konvenuta stante li hargu w esegwew mandat ta' qbid intempestiv u vessatorju fejn elevaw l-oggett tal-bejgh, liema eccezzjoni hija fil-fatt il-meritu ta' proceduri quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fl-atti tal-Mandat ta' Qbid

Numru 312/96 datat 23 ta' Jannar 1996 fl-ismijiet "Mario Agius u Mary Agius versus Doris Pulo".

(5) Salvi eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez kontra l-atturi ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta a fol 31 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda tal-istess konvenuta a fol. 31 tal-process.

Rat il-kontro-talba tal-konvenuta Doris Pulo fejn ippremettiet is-segwenti:-

Illi in forza ta' kuntratt datat 6 ta' Marzu 1995, il-konvenuta rikonvenzjonata kienet xtrat minghand l-atturi mutur tal-ghamla *New Gas Endrucross TT* Numru ta' Registrazzjoni 0 - 1096; u illi fil-5 ta' Frar 1996, hija giet spussessata mill-istess mutur in segwitu ta' esekuzzjoni ta' mandat ta' qbid numru 312/96 mahrug mill-atturi rikonvenzjonati; u illi l-istess mandat kien inhareg abbazi ta' kawzali marbuta ma pretensjoni dedotta f'citazzjoni presentata kontestwalment, liema citazzjoni kienet iggib in-numru 208/96/GC; u illi l-istess citazzjoni kienet giet ceduta peress li t-talbiet hemm dedotti rrizultaw intempestivi; illi ghalkemm l-istess citazzjoni kienet giet ceduta, l-atturi rikonvenzjonati baqghu ma hargux il-kontro-mandat relattiv u konsegwentement, il-konvenuta rikonvenzjonata baqghet spossessata mill-

mutur, l-oggett tal-vendita'; u li ghalhekk l-konvenuta giet u ghadha spossessata mill-oggett tal-vendita mill-5 ta' Frar 1996 sal-gurnata tal-lum; u li l-atturi huma responsabbli ghal tali evizzjoni; u li tali evizzjoni saret b'manjiera abbusiva u llegali u ghalhekk l-atturi rikonvenzjonati kissru l-obbligazzjoni bhala vendituri li jiggarantixxu l-pacifiku pussess tal-oggett mibjugh lix-xerrej cioe' l-konvenuta rikonvenzjonata; u peress li l-konvenuta lahqet halset lill-atturi s-somma ta' Lm950 akkont tal-prezz tal-istess mutur.

Illi ghalhekk l-istess konvenuta talbet li din il-Qorti:-

(1) Tiddikajara r-rexissjoni tal-kuntratt ta' vendita' tal-mutur li sar b'effett tal-kuntratt datat 6 ta' Marzu 1995 u dan minhabba vjolazzjoni da parti tal-atturi tal-obbligu taghhom li jiggarantixxu l-pacifiku pusses tal-oggetti minnhom mibjugh prevja okkorendo dikjarazzjoni li l-atturi huma responsabbli ghal tali vjolazzjoni.

(2) Tikkundanna lill-atturi jhallsu lill-konvenuta s-somma ta' Lm950 rappresentanti rifuzjoni tal-ammont imhallas minnha lill-atturi akkont tal-prezz tal-istess mutur.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali kontra l-istess atturi in rikonvenzjoni ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta in rikonvenzjoni a fol 33 u 34 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda tal-istess konvenuta ghall-kontro-talba taghha a fol. 34 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Mario u Maria konjugi Agius prezentata fis-16 ta' Frar 1998 fejn eccepew:

(1) Illi preliminarjament l-azzjoni rikonvenzjonali hija irritwali u nulla stante li hi bazata fuq tpacija, meta skond l-artikolu 1197 tal-Kodici Civili, u skond il-gurisprudenza vigenti, tpacija tista' ssir biss meta t-talbiet tal-konvenut/a jirrigwardaw biss debitu li hu cert, likwidu u dovut, mentri fil-kawza odjerna l-konvenut qed jitlob ix-xoljiment ta' kuntratt.

(2) Illi bla pregudizzju ghal dan, l-azzjoni tal-konvenuta hija irritwali wkoll *ai termini* ta' l-artikoli 197 - 199 tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta.

(3) Illi bla pregudizzju ghas-suespost, *se mai*, jekk il-kontro-talba ghat-tpacija tigi ammessa, ikun irid jigi osservat artikolu 198 ta' Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta li jirrikjedi li jekk il-kontro-talba tehtieg ezami fit-tul u li jdewwem il-hlas tal-kambjali, il-kontro-talba trid tigi ezaminata separatament sabiex id-decizzjoni dwar il-hlas tal-kambjali tkun tista' issir bla dewmien.

(4) Illi l-kwistjoni tal-mandat imsemmi fit-talba rikonvenzjonali hija l-meritu ta' kawza ohra pendenti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta u ghalhekk il-kontro-talba qed tipproponi multiplikazzjoni inutili ta' proceduri.

(5) Illi fuq il-mertu, u bla pregudizzju ghas-suespost, il-pretensjonijiet tal-konvenuta kontenuti fil-kontro-talba huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontriha.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi ghall-eccezzjonijiet taghhom ghall-kontro-talba tal-konvenuta a fol. 37 tal-process.

Rat il-verbal tal-4 ta' Marzu 1998, tas-27 ta' Mejju 1998, tad-9 ta' Novembru 1998 fejn Dr Raphael Fenech Adami ghal kull buon fini ta' ruhu b'notifikat bl-appuntament tal-kawza u bid-digriet tal-Qorti tal-21 ta' Jannar 1998. Dr Cuschieri pprezenta Nota b'25 kambjala, u talab korrezzjoni fid-dikjarazzjoni billi jizdied wara l-kelma "martu" l-isem tal-attrici cioe` "Maria". Il-Qorti laqghet it-talba w ordnat il-korrezzjoni kif mitluba. Dr Fenech Adami ddikjara li bihsiebu jintavola rikors biex jinghata l-permess li jipprezenta nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri li tkun tikkontjeni eccezzjoni dwar in-nullita tal-azzjoni. Il-kawza giet differita ghat-8 ta' Jannar 1999 ghal dan l-iskop u okkorrendo ghall-provvediment.

Rat il-verbal tat-8 ta' Jannar 1999 fejn il-kawza giet differita ghan-notifika tac-citazzjoni kif korretta lill-konvenuta.

Rat il-verbal tat-3 ta' Mejju 1999, fejn il-kawza giet differita ghan-notifika tal-konvenuta bic-citazzjoni kif korretta, u fil-fatt jirrizulta li sussegwentement l-istess konvenuta giet notifikata fit-28 ta' Ottubru 1999 kif jirrizulta mir-riferta relattiva a tergo ta' fol 71 tal-process.

Rat il-verbal tas-6 ta' Dicembru 1999 fejn Dr Cuschieri ghall-attur ddikjara li m'ghandux provi aktar hlief li l-attur jikkonferma d-dikjarazzjoni guramentata. Rat ix-xhieda ta' l-attur. Dr Fenech Adami ghall-konvenuta rrileva li ricentament giet intavolata kawza ohra fuq l-istess sensiela ta' kambjali fl-istess ismijiet Avviz Nru: 802/99 quddiem il-Magistrat Dr Joseph Apap Bologna. Il-Qorti ordnat lill-Dr Fenech Adami biex jesebixxi kopja tal-avviz in kwistjoni. Il-kawza giet differita ghat-8 ta' Mejju 2000 sabiex l-istess konvenuta tesebixxi l-istess avviz, u sabiex tippresenta x-xhieda taghha bil-procedura tal-affadivit, wara li l-Qorti laqghet talba tal-istess difensur tal-konvenuta sabiex ix-xhieda issir bil-procedura tal-affidavit (fol. 70).

Rat il-verbali tat-8 ta' Mejju 2000 fejn il-kawza giet differita ghall-iskop tal-verbal precedenti.

Rat il-verbal tad-9 ta' Ottubru 2000 fejn din il-kawza bdiet tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta,u giet differita ghas-16 ta' Novembru 2000.

Rat il-verbal tas-16 ta' Novembru 2000 fejn inghata digriet sabiex il-konvenuta tipprezenta x-xhieda taghha bil-procedura tal-affidavit fi zmien erbghin gurnata mid-data tal-istess seduta u l-kawza giet differita ghall-konkluzzjoni tal-provi tal-konvenuta ghall-14 ta' Marzu 2001.

Rat il-verbal tal-14 ta' Marzu 2001 fejn deher biss Dr Leslie Cuschieri ghall-attur prezenti. Peress li la dehret il-konvenuta u lanqas id-difensur taghha, u l-kawza kienet differita ghal din is-seduta ghall-provi kollha tal-konvenuta, il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-24 ta' April 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-azzjoni odjerna hija dik maghrufa bhala *actio cambiaria.*

Illi l-**artikolu 198** tal-Kodici tal-Kummerc (Kap. 13) jghid illi:

1) L-eccezzjonijiet li huma personali ghall-pussessur tal-kambjala ma jistghux idewmu l-hlas taghha, jekk ma jkunux likwidi u li jistghu jinqatghu malajr fil-kawza li tkun miexja.

2) Jekk dawn l-eccezzjonijiet ikunu jinhtiegu ezami fit-tul, is-smiegh taghhom isir f'kawza ghaliha, u sadanitant, il-kundanna ghall-hlas tal-kambjala, bil-garanzija jew minghajrha, skond ma jidhrilha l-Qorti, m'ghandhiex tkun imdewma.

Illi dan l-artikolu hawn fuq imsemmi gie kemm il-darba imfisser minn dawn il-Qrati.

Illi din il-Qorti kif presjeduta fil-kawza l-ismijiet "**Guillaumier Industries Ltd. vs Victor Vella et**" deciza fl-4 ta' Dicembru, 1998 dwar l-*actio cambiaria* kienet qalet:

Illi a bazi ta' dan l-Artikolu gie deciz li "*l-iskop tal-ligi huwa carissimu. Il kawza proposta a bazi ta' kambjala ghandha tigi mill-Qorti trattata bl-akbar celerita' possibbli … … …".* Il-kambjala hija proprju l-instrument kummercjali nventat biex appuntu jassigura din il-heffa u l-ghaggla fic-cirkontrazzjoni tal-krediti u d-dejn u sabiex tirrispetta u kemm jista' jkun tiggarantixxi li l-processi kummercjali ikunu animati mill-istess esigenzi.

*"Biex tassigura din ic-celerita', l-ligi tiffrena l-eccezzjonijiet li jistghu jinghataw kontra l-possessur tal-kambjala biex*

*dawn ma jittardjawx il-kanonizzazzjoni ta' import ta' kambjala. Tammetti eccezzjonijiet biex meta dawn ikun ta' facli soluzzjoni*" (K.G.M.B 17.10.1987) "***John Portelli noe vs Joseph Sullivan***".

Dan isir peress li skond kif gie affermat fis-sentenza "**Charles Gatt noe vs Joseph Vassallo Gatt noe**" (K.J.D.C 15 ta' Novembru 1993):

"*appena kambjala tigi ammessa, tigi krejata obligazzjoni 'ad hoc', ghal kollox indipendenti u separata minn kwalunkwe obligazzjoni li seghtet ipprecedietha. Ghalhekk f'kawza bhal din, l-eccezzjonijiet ammissibbli huma generalment limitati ghall-kambjala nnifisha u bhala regola m' ghandhomx jigu permessi eccezzjonijiet li jikkoncernaw obligazzjonijiet precedenti*".

Illi l-istess arrangament gie segwit f'diversi sentenzi fosthom "**John Mary Sammut vs Michael Cassar**" (App K. 14.10.1991) u "**George Zahra vs Alfred Borg**" (K. JSP 28.4.1995) fejn il-Qrati rriferew ghall-gurisprudenza konstanti li fl-azzjoni kambjarja huma permessi biss eccezzjonijiet li jikkontestaw il-validita formali tal-kambjala in kwantu jallegaw li din tkun fuq il-wicc taghha inoltre f'xi wahda mill-elementi kostitwiti essenzjali taghha kif trid il-ligi (Vide Vol XXIX P1 1528 – Vol XXIX. 1. 1136) u l-istess "**John Portelli noe vs Charles Vella**" (K.C.D. 30.8.1989); dawn il-principji gew ilkoll elenkati fis-sentenza ta' din il-

Qorti tal-5 ta' Ottubru 2000 fl-ismijiet **"Ronald Micallef *et* *vs Subway (Malta) Limited*"** (Citaz. Nru. 273/2000/RCP).

Dwar dan kien hemm temperament fis-sentenza "**Joseph Lia vs Alfred Dalli**" (K. JDC 26 ta' Jannar 1989), li ghalkemm sostniet li l-**Artikolu 198** japplika kemm meta tali kambjali jkunu girati w anke meta le, irrilevat li hemm eccezzjonijiet permessibbli meta din tolqot l-ezistenza tal-kambjala stess bhal meta l-kunsens tal-accettant tal-kambjala jkun vizzjat minhabba vjolenza jew dolo (Vol XXXIX. III, 845) u ghalhekk irriteniet li tali eccezzjoni ghandha tingieb **permezz ta' azzjoni** ohra u permezz ta' azzjoni **ad hoc**.

Illi fil-kawza fl-ismijiet "**Salamone vs. Rao**" tad-9 ta' Frar, 1906, moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc intqal illi:-

"*Attesocche' le eccezioni date dal convenuto, quantunque personali all'attore, sono di lunga indagine e quindi, secondo il disposto nell'articolo 181 dell'Ordinanza XIII del 1857, la loro cognizione dev'essere rimandata a separato giudizio;*"

Illi wkoll fl-4 ta' Frar, 1907, l-istess Qorti tal-Kummerc, fil-kawza fl-ismijiet "**Zammit vs. Scicluna**" qalet illi:-

*"Attesocche' secondo la pratica costante di questo tribunale il pagamento di una cambiale accettata e scaduta viene sempre ordinato quando le eccezioni sono*

*tali da richiedere lunga indagine, sotto quelle cautele che il prudente arbitrio della Corte credesse opportuno;*"

Illi fl-ahharnett fl-10 ta' Mejju, 1913, fil-kawza fl-ismijiet **"Sultana vs. Pecorella"** gie riaffermat li :-

"*Atteso che per legge espressa, eccezioni di lunga indagine, come quelle apposte dal convenuto non possono ritardare il pagamento di cambiali scadute. La Corte deve ordinare il pagamento con o senza cauzione e rimettere la cognizione delle eccezioni a separato giudizio*;"

Illi konferma ta' dan hija s-sentenza "**Tabone vs Camilleri**" tas-27 ta' Frar 1939 li qalet li :-

"*Illi huwa veru illi skond dana l-artikolu tal-ligi, meta l-eccezzjoni ma tistax tigi definita malajr ma hijiex ammissibbli meta biha jkun ritardat il-pagament. Pero' hemm eccezzjonijiet tant assoluti kemm relativi, li jistghu jigu moghtija u ghandhom ikunu ammessi. Dawna l-eccezzjonijiet ghandhom il-bazi taghhom fid-dritt komuni u fid-dritt kambjarju. Per ezempju, l-inkapacita' li hija regolata mid-dritt komuni tifforma wahda mill-eccezzjonijiet assoluti, u l-pagament huwa wiehed mill-eccezzjonijiet relativi jew personali li huma regolati mid-dritt kambjarju. Hemm ukoll eccezzjonijiet li gejjin minn fatti posterjuri ghad-data ta' l-emissjoni tal-kambjali*."

Illi tal-istess portata hija s-sentenza fl-ismijiet "**Eminyan vs Mackay** tad-9 ta' April 1940 tant li inghad li :-

*"Illi skond l-art. 181 ta' l-Ord. XIII ta' l-1857, l-eccezzjonijiet personali ghall-possessur tal-kambjali ma jistghux jirritardaw il-hlas tal-kambjali jekk ma jkunux likwidi u ta' soluzzjoni pronta. Ghalhekk l-eccezzjoni li ta l-konvenut ma tistax tiddilazzjona l-pagament tal-kambjali;"*

Tant huwa minnu dan fil-21 ta' Novembru, 1940, bid-decizjoni fl-ismijiet "**Staines vs Trapani"** kkonfermat li :-

*"Illi jekk dina l-pretensjoni ma kienetx likwida qabel il-kawza, issa li l-Qorti semghet il-provi tista' tillikwidaha, peress illi tirrizulta b'mod konvincenti bhala fondata. U skond l-art. 181 ta' l-Ord. XII ta' l-1857, "exceptions affecting the holder of a bill personally, cannot delay the payment thereof, unless the exceptions be such as admit of being clearly and speedily determined". U fil-kaz prezenti l-eccezzjoni tal-konvenut setghet tigi likwidata, kif giet fil-fatt, peress illi setghet tigi definita malajr".*

Dawn il-principji gew ukoll ikkonfermati mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet "**Prof. Carlo Mallia noe vs Mariano Accarino noe"** deciza fit-22 ta' Novembru, 1937, ikkonkludiet:-

"*Infatti l-artikolu 181 tal-Kodici Kummercjali jistabbilixxi illi l-eccezzjonijiet personali ghal possessuri tal-kambjali ma*

*jistghux idewmu l-pagament tas-somma jekk mhumiex likwidi u "di pronta soluzione". Jekk imbaghad huma ta' indagini twila, dawk l-eccezzjonijiet ghandhom ikunu riservati ghal kawza separata, u l-kundanna tal-kambjali ma tistax tkun differita, b'garanzija jew minghajr garanzija skond il-prudenzjali arbitriju tal-Qorti*."

## III. APPLIKAZZJONI TAL-ISTESS GHAC-CITAZZJONI ATTRICI

Illi applikati dawn il-principji ghall-azzjoni attrici jirrizulta li ma hemm l-ebda dubju li l-kawza attrici hija azzjoni kambjarja, u fl-isfond ta’ dak kollu premess it-tielet eccezzjoni tal-istess konvenuta ma tistax tigi milqugha, u addirittura lanqas ikkonsidrata, stante li ma hijiex wahda permessa *ai termini* tal-**artikolu 191 tal-Kap 13.** Dan apparti li l-istess konvenuta ma resqet jew ittentat tressaq l-ebda prova kwalunkwe.

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni din giet sorvolata permezz tad-Digriet ta’ din il-Qorti ghall-korrezzjoni datata 9 ta’ Novembru 1998.

Illi dwar it-tieni eccezzjoni tal-konvenuta din ukoll tinsab sorvolata stante li l-original tal-istess kambjali gew esebiti b’nota tad-9 ta’ Novembru 1998 a fol. 43 tal-process.

Illi dwar ir-raba' eccezzjoni fejn l-istess konvenuta qed tecceppixxi t-tpacija ghad-danni lilha allegatament ikkawzati bil-hrug ta' mandat ta' qbid kontra taghha li allegatament tifforma l-mertu ta' kawza bejn il-partijiet quddiem din il-Qorti diversament ippresjeduta, fejn fid-dikjarazzjoni tal-konvenuta tissemma wkoll il-hlas ta' penali minhabba l-allegat hrug abbussiv tal-istess mandat, apparti l-konsiderazzjoni tal-ezistenza awtonoma tal-istess kambjala, din l-eccezzjoni wkoll ghandha tigi michuda stante li jirrizulta li tali allegat kreditu tal-konvenuta *di fronte* ghall-atturi la huwa likwidu u lanqas huwa cert skond kif stipulat fl-**artikolu 1197 tal-Kap 16.**

Illi ghalhekk abbazi tal-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha anke peress li l-allegazzjonijiet attrici gew ilkoll ippruvata anke permezz tal-istess kambjali esebiti.

## IV. KONTRO-TALBA TAL-KONVENUTA.

Illi dwar il-kwistjoni tal-kontro-talba u l-azzjoni kambjarja wiehed jirreferixxi ghas-sentenza fl-ismijiet **"Guillaumier Industries Limited vs Victor Vella et"** deciza minn din il-Qorti fl-4 ta' Dicembru 1998 (Citaz. Numru 853/97/RCP) fejn fuq l-iskorta tas-sentenzi hemm citati fosthom **"Dr. David Tonna *nomine* vs Boris Arcidiacono *nomine*"** (A.K. 28 ta' Novembru 1988), **"Edgar Camilleri *nomine* vs David Cilia"** (K. A. M. 18 ta' Marzu 1994) u **"Dr. Toni Abela vs Carmelo Calabretta"** (K.6 ta' Frar 1991) inghad li l-istess **artikolu 198 tal-Kap 13** u **l-artikolu 396 tal-Kap**

**12** jistghu jezistu flimkien b'dan li t-talba originali l-kontro-talba jigu decizi fl-istess kawza, izda mhux necessarjament fl-istess sentenza, b'mod li l-azzjoni kambjarja tigi deciza l-ewwel u wara tigi deciza l-kontro-talba.

Illi f'dan il-kaz deher car li din il-Qorti kif originarjament presjeduta trattat l-istess citazzjoni flimkien mal-kontro-talba, u ma saret l-ebda dikjarazzjoni li l-ewwel ser tinqata' l-azzjoni attrici u mbaghad dik tar-rikonvenzjoni.

Illi dan jidher car mill-verbali tal-istess seduti, fejn wara li l-gheluq tal-provi attrici, din il-Qorti, anke kif presjeduta tat l-opportunita' lill-konvenuta sabiex tressaq il-provi taghha, kemm bil-procedura tal-affidavit u kemm *viva voce,* u nonostante li l-konvenuta kellha c-cans li tressaq il-provi taghha mis-seduta tad-9 ta' Dicembru 1999 anke bil-procedura tal-affidavit, hija naqset li tressaq kwalunkwe tip ta' prova, nonostante id-digriet ta' din il-Qorti datat 16 ta' Novembru 2000, u fil-fatt lanqas biss dehret fis-seduta fejn kellha tikkonkludi l-provi tal-14 ta' Marzu 2001.

Illi ghalhekk sejjer ikun hemm sentenza unika b'decizzjonijiet kemm fuq l-azzjoni attrici u kemm fuq il-kontro-talba tal-konvenuta, u b'kapi hekk separati u f'dan l-isfond, u b'riferenza ghall-istess rikonvenzjoni tal-konvenuta jinghad li skond il-principju li min jallega ghandu l-oneru tal-prova, jirrizulta li l-allegazzjonijiet tal-konvenuta kontenuti fil-kontro-talba taghha ma jistghux jigu accettati stante li ma huma sostnuti bl-ebda tip jew xorta ta' prova,

tant li lanqas biss gew esebiti minnha l-atti ndikati fil-premessi tal-istess kontro-talba tal-konvenuta, inkluz l-allegat kuntratt tas-6 ta' Marzu 1995, u l-atti kawtelatorji hemm imsemmija, u ghalhekk il-kontro-talba tal-konvenuta qed tigi michuda minhabba n-nuqqas *da parte* taghha li tissostanzja l-istess u kawza ta' nuqqas ta' provi. Dan apparti l-fatt li ma jidhirx lanqas xejn car fuq liema bazi saret l-istess kontro-talba.

Illi f'dan l-isfond jidher li huwa inutili li wiehed jidhol fl-ewwel erba' eccezzjonijiet tal-atturi ghall-istess kontro-talba ghalkemm jidher li dawn ilkoll gew sorvolati bil-principji fuq elenkati, waqt li minhabba dak appena premess, il-hames eccezzjoni ghandha tigi milqugha.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess, il-kontro-talba tal-konvenuta ghandha tigi michuda.

## V. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

(2) Tiddikjara li l-kambjali li skadew huma dovuti.

(3) Tiddikjara lill-konvenuta bhala debitrici verso l-atturi fl-ammont ta' elf, mitejn u hamsin Lira Maltija (Lm1,250).

(4) Tordna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma hekk dovuta fl-ammont ta' elf, mitejn u hamsin Lira Maltija (Lm1,250).

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-iskadenza taghhom rispettiva sal-effettiv pagament kontra l-konvenuta.

Illi a rigward tal**-kontro-talba tal-konvenuta,** ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-hames eccezzjoni tal-atturi ghall-istess rikonvenzjoni, **tichad it-talbiet tal-istess konvenuta fl-istess kontro-talba** stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha tal-istess kontro-talba tal-konvenuta a karigu tal-istess konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**24 t'April, 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**24 t'April, 2001**